

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1219/2014****tat-13 ta' Novembru 2014****li jemenda l-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 rigward il-lista ta' territorji u pajjiżi terzi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar il-movimenti mhux kummerċjali tal-annimali domestiċi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1) u (2) tiegħu,

Billi:

- (1) Permezz tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1160/2014 <sup>(2)</sup>, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ġiet inkluża fil-lista stabbilita fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup>.
- (2) Wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 576/2013, li jirrevoka u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 998/2003 b'effett mid-29 ta' Diċembru 2014, il-pajjiżi u t-territorji elenkati fil-Parti C tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 huma elenkati minn dik id-data fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 <sup>(4)</sup>.  
  
Għaldaqstant, dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja għandha tiġi inkluża fil-lista stabbilita fil-Parti 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013.
- (3) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex jitqiesu d-dispożizzjonijiet tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Kroazja u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/419/UE <sup>(5)</sup>, huwa xieraq li jiġu emendati l-Partijiet 1 u 2 tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 u li jinbidel l-Anness II tiegħu fl-intier tiegħu.
- (4) Għaldaqstant, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 577/2013 għandu jiġi sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠUL 178, 28.6.2013, p. 1.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1160/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-pajjiżi u t-territorji (ĠUL 311, 31.10.2014, p. 17).<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar il-ħtiġiet rigward is-saħħa tal-annimali li japplikaw għall-moviment mhux kummerċjali tal-pets u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE (ĠUL 146, 13.6.2003, p. 1).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 577/2013 tat-28 ta' Ġunju 2013 dwar id-dokumenti tal-identifikazzjoni tal-mudell għall-moviment mhux kummerċjali ta' klieb, qtates u inmsa, l-istabbiliment ta' listi ta' territorji u pajjiżi terzi u l-format, it-tqasim u r-rekwiżiti lingwistiċi tad-dikjarazzjonijiet li jiċċertifikaw il-konformità ma' ċerti kundizzjonijiet stipulati fir-Regolament (UE) Nru 576/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠUL 178, 28.6.2013, p. 109).<sup>(5)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2012/419/UE tal-11 ta' Lulju 2012 li temenda l-istatus tal-Majott fir-rigward tal-Unjoni Ewropea (ĠUL 204, 31.7.2012, p. 131).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mid-29 ta' Diċembru 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX

## "ANNEX II

**Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

## Il-PARTI 1

**Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terzi
AD	Andorra
CH	L-Isvizzera
FO	Il-Gżejjer Faeroe
GI	Ġibiltà
GL	Il-Groenlandja
IS	L-Islanda
LI	Il-Liechtenstein
MC	Monako
NO	In-Norveġja
SM	San Marino
VA	L-Istat tal-Belt tal-Vatikan

## Il-PARTI 2:

**Lista tat-territorji u l-pajjiżi terzi msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (UE) Nru 576/2013**

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terzi	Territorji inklużi
AC	Il-Gżira ta' Ascension	
AE	L-Emirati Għarab Magħquda	
AG	Antigwa u Barbuda	
AR	L-Arġentina	
AU	L-Awstralja	
AW	Aruba	
BA	Il-Bosnja-Herzegovina	
BB	Il-Barbados	
BH	Il-Baħrejn	
BM	Il-Bermuda	
BQ	Bonaire, Sint Eustatius u Saba (il-Gżejjer BES)	
BY	Il-Bjelorussja	

Kodiċi ISO	Territorju jew pajjiż terz	Territorji inklużi
CA	Il-Kanada	
CL	Iċ-Ċili	
CW	Curaçao	
FJ	Fiġi	
FK	Il-Gżejjer Falkland	
HK	Hong Kong	
JM	Il-Ġamaġka	
JP	Il-Ġappun	
KN	Saint Kitts u Nevis	
KY	Il-Gżejjer Kajman	
LC	Santa Luċija	
MS	Montserrat	
MK	Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċe-	
	donja	
MU	Il-Mawrizju	
MX	Il-Messiku	
MY	Il-Malasja	
NC	Il-Kaledonja Ġdida	
NZ	In-New Zealand	
PF	Il-Polineżja Franċiża	
PM	Saint Pierre u Miquelon	
RU	Ir-Russja	
SG	Singapor	
SH	Sant'Elena	
SX	Sint Maarten	
TT	Trinidad u Tobago	
TW	It-Tajwan	
US	L-Istati Uniti tal-Amerika	AS — Is-Samoa Amerikana ĠU — Gwam MP — Il-Gżejjer tal-Marjanas tat-Tramuntana PR — Puerto Rico VI — Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti"
VC	Saint Vincent u l-Grenadini	
VG	Il-Gżejjer Verġni Brittaniċi	
VU	Il-Vanwatu	
WF	Wallis u Futuna	